MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 151/1995/1

Peter Sciberras kemm f'ismu proprju u kif ukoll bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' "Ganpet Limited" .

vs

Ic-Chairman, Korporazzjoni ghas- Servizzi tal-Ilma ;
L-ufficjal Inkarigat ghal Ghawdex mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fl-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) is-socjeta' attrici rceviet minghand il-Korporazzjoni Telemalta appalt ghal xoghol ta' formazzjoni ta' trinek f'diversi toroq f'Kercem, Ghawdex .

Illi x-xoghol kollu gie esegwit skond l-istruzzjonijiet moghtija lis-socjeta' attrici mill-Korporazzjoni Telemalta .

Illi l-konvenuti qed jippretendu li konsegwenza ta' dan ix-xoghol il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sofriet hsarat f'pipe tal-ilma . Fil-fatt pero', kif jista jigi ampjament ipprovat, kwalunkwe hsarat li setghet sofriet dik il-Korporazzjoni huma konsegwenza tan-nuqqasijiet ta' terzi .

Illi l-attur proprio et nomine dejjem cahad kwalsiasi responsabilita' u fil-fatt jidher ukoll li l-pretensjonijiet tal-konvenuti llum jinsabu preskritti .

Illi issa pero' l-attur proprio et nomine sar jaf illi l-Korporazzjoni konvenuta bi hsiebha tinterrompi l-provista tal-ilma fil-proprjeta' personali tieghu jew tal-kumpanija minnu rapprezentata .

Illi dan l-agir huwa wiehed abbusiz u jilledi l-jeddijiet tal-attur proprio et nomine .

Illi permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 67/1995 fl-ismijiet fuq imsemmija, il-konvenuti gew mizmuma milli jipprocedi b'xi interruzzjoni tal-provvista tal-ilma .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-interruzzjoni da parti tal-konvenuti tal-provvista tal-ilma minhabba l-pretensjoni rigwardanti l-esekuzzjoni tal-appalt fuq imsemmi tmur oltre l-poteri moghtija lill-konvenuti, hija arbitrarja u llegali .

2. Konsegwentement tinibixxi lill-konvenuti milli personalment jew permezz ta' terzi jinterrompi l-provvista tal-ilma lil xi proprjeta' tal-attur proprio et nomine .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja spedita fil-21 ta’ Jannar 1995 u tal-mandat ta’ inibizzjoni fl-istess ismijiet numru 67/95 .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-gurament ta’ l-attur .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. Illi l-ufficjal inkarigat ghal Ghawdex mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-ilma m’ghandux locus standi f’din il-kawza, stante li r-rapprezentanza guridika tal-Korporazzjoni hija vestita fic-Chairman ;

2. Illi konsegwentement din il-Qorti hija nkompetenti biex tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza stante li l-istess Chairman ma jirrisjedix Ghawdex jew Kemmuna imma jirrisjedi f’Malta ;

3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, hija l-ligi stess li tawtorizza lill-Korporazzjoni konvenuta li tissospendi l-provvista ta’ l-ilma ;

4. Illi, ghalkemm fil-bidu tal-kwistjoni l-attur proprio cahad kwalsiasi responsabbilita’, sussegwentement huwa hallas lill-Korporazzjoni konvenuta parti mill-ammont minnha pretiz ;

5. Illi l-preskrizzjoni estintiva ma tistax tinghata bhala premessa, imma tista’ tinghata biss bhala eccezzjoni ;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attur ma indikax ghal liema terminu ta’ preskrizzjoni qieghed jirreferi ;

7. Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-preskrizzjoni giet interrotta ;

8. Illi t-tieni talba ta’ l-attur proprio et nomine, kieku kellha tigi milqugha kif dedotta, tkun qeghda timponi obbligu mpossibbli fuq il-Korporazzjoni konvenuta ;

9. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur proprio et nomine ;

10. Salvi eccezzjonijiet ohra, u salv kull azzjoni spettanti lill-Korporazzjoni konvenuta .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti ikkonfermata bil-gurament ta' Saviour Cini .

Rat il-verbal taghha tad-9 ta' Jannar 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tal-*privilegium fori* .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

B'din l-eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu l-*privilegium fori* peress illi c-Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma jirrisjedi Malta . L-attur proprio et nomine ma jidhirx illi qed jikkontesta bhala fatt illi dan il-konvenut tassew jirrisjedi fil-gzira ta' Malta, u ghalhekk jidher *prima facie* illi a tenur ta' l-artikoli 767 u 745(f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) kellu dritt jigi mharrek fil-Qorti ta' Malta . Pero' fil-kawza prezenti l-attur proprio et nomine qed jitlob *inter alia* li l-konvenuti jinzammu milli jipprocedu biex jissospendu l-provvista ta' l-ilma fil-proprjeta' personali tieghu jew ta' xi kumpanija rapprezentata minnu, minhabba l-allegati hsarat kagunati f'*pipe* ta' l-ilma ta' l-istess korporazzjoni . Infatti din il-kawza kienet saret in segwitu ghal mandat ta' Inibizzjoni mahrug kontra l-istess konvenut, wara theddida da parti tal-korporazzjoni li jinqata' s-servizz ta' l-ilma ta' l-attur jekk ma ssirx riparazzjoni ghad-danni allegatament ikkagunati minnu .

Permezz ta' l-artikolu 770 tal-Kap. 12, il-jedd tal-konvenut li jigi mharrek fil-gzira fejn jirrisjedi jispicca jekk il-kawza tkun tirrigwarda obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi esegwita fi gzira partikolari . Huwa minnu illi f'kaz bhal dak in ezami ma jistghax jinghad illi qatt kien hemm xi kwalita' ta' ftehim espress bejn il-kontendenti dwar l-obbligazzjonijiet reciproci taghhom . Madankollu min-natura stess tas-servizzi moghtija lill-individwu li jkun applika ghall-istallazzjoni ta' dawn is-servizzi, normalment ikun hemm intiza implicita illi l-korporazzjoni tipprovdi s-servizzi mitluba fil-post indikat, filwaqt illi l-konsumatur jintrabat illi jhallas ghas-servizzi moghtija lilu .

Il-kaz illi ghandha quddiemha l-Qorti ghall-konsiderazzjoni taghha jirrigwarda s-sospensjoni ta' dawn is-servizzi lill-attur fil-proprjetajiet tieghu f'Ghawdex . Huwa car ghalhekk illi s-servizzi nghataw Ghawdex u kienu qed jitgawdew go Ghawdex ukoll . Di piu' l-korporazzjoni konvenuta tipprovdi ufficcini fejn isiru l-pagamenti ghal dawn is-servizzi gewwa Ghawdex ukoll . Huwa mifhum illi l-attur, bhal ma jaghmlu r-residenti regolari kollha fil-gzira Ghawdxija, kien jaghmel il-hlasijiet ghall-istess servizzi fl-ufficcju illi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma ghandha gewwa r-Rabat, u ma ngiebet ebda prova fil-kuntrarju . Hekk ukoll ix-xoghol li bih l-attur allegatament ikkawza d-danni lill-korporazzjoni konvenuta, twettaq fit-toroq tar-rahal ta' Kercem, f'Ghawdex .

Minn dan kollu johrog illi n-negozji guridici involuti f'din il-kawza, fil-parti proponderanti taghhom, jekk mhux ukoll ghal kollox, kellhom jitwettqu u jigu esegwiti fil-gzira ta' Ghawdex, b'tali mod li gie res applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispicca l-*privilegium fori* tal-konvenuti .

Din l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk respinta u konsegwentement thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni .

L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali .

S15195Pc(sip)

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------